MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tat-13 ta' Gunju, 2013

Rikors Numru. 226/2013

**A B**
**-vs-**

**C B**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors tar-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremetta :

Illi l-partijiet zzewgu nhar it-tnejn u ghoxrin (22) ta' Dicembru 1995 (Ara Dok. A anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt (2) itfal u cioe` T u M ta' sbatax (17) –il sena u ghaxar (10) snin rispettivament liema tfal gew fdati fil-kura u kustodja tar-rikorrenti;

Illi l-partijieti ilhom separati de facto ghal aktar minn erba` (4) snin u legalment separati b'kuntratt redatt min-nutar

Dottor Nicholas Vella nhar l-erbgha (4) t'Awwissu elfejn u disgha (2009) (Ara Dok. B anness);

Illi m' hemm l-ebda prospett raggonevoli ghal rikonciljazzjoni bejnithom stante illi minbarra li ilhom snin twal mifrudin illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin it-tnejn iffurmaw relazzjoni ma nies ohra li minnu hemm ulied ukoll;

Illi m'hemm ebda kwistjonijiet ta' manteniment bejn il-partijiet;

Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall- ksib tad-divorzju skont l-Artikolu 66 B tal-Kodici Civili Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talab li l-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet
2. Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-6 ta' Mejju, 2013;

Semghet lill-partijiet jixhdu bil-gurament taghhom;

Rat l-Artikolu 66 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom de facto separati ghal aktar minn erba' snin u ilhom legament separati mill-4 ta' Awissu, 2009;

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet;

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------